**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-11 ta' Marzu 2019**

**Talba Numru 267/2018SFJ**

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Patrick Abela (385369M) u Helen Vassallo ġià Abela (362172M)**
**li ġiet kjamata fil-kawża skont digriet datat 19 ta' Settembru 2018**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż ippreżentat mis-soċjetà attriċi fejn il-konvenut ġie mitlub jagħtiha s-somma ta' disa' mija u tlieta u tletin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€933.31) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 10072270.

Ra li skont l-Avviż, l-interpellat baqa' inadempjenti meta interpellat u għalhekk, sabiex iħallas, kellha ssir din il-kawża.

Ra li t-Tribunal ġie mitlub ukoll jikkundannah iħallas l-ispejjeż u drittijiet inklużi l-ispejjeż in konnessjoni mal-ittra uffiċjali 519/17 u l-imgħax legali mil-10 ta' Marzu 2017, id-data tan-notifika tal-istess ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti kollha li ġew ippreżentati mal-Avviż tat-Talba.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn indika li l-azzjoni attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li ebda ammont m'hu dovut mill-konvenut lis-soċjetà attriċi u li l-imsemmija arretrati u/jew kont ġie assenjat lil Helen Vassallo ġià Abela flimkien mal-fond ġià konjugali u dan skont kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Robert Micallef tal-25 ta' Awwissu 2017 (dokument "A" anness mar-risposta) u għalhekk, kwalsiasi talba da parti tas-soċetà GO p.l.c. għandha tiġi indirizzata lill-istess Helen Vassallo ġià Abela.

Għalhekk talab il-konvenut li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fil-konfront tal-esponenti bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà attriċi u salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra li fid-19 ta' Settembru 2018 ġiet kjamata fil-kawża Helen Vassallo ġià Abela (362172M) u li l-istess ġiet innotifikata bl-Avviż tat-Talba.

Ra r-risposta tal-kjamata fil-kawża. Helen Vassallo ġià Abela (362172M) fejn qalet li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li mhix il-leġittimu kontradittur peress li qatt ma kellha relazzjoni mas-soċjetà attriċi u li l-intimat żewġha għandu jiġi ikkundannat iħallas għat-talba fl-intier tagħha peress li l-kont 10072270 jsejjaħ lilu li li m'għandux ibati l-ispejjeż, u dan salv eċċezzjonijiet oħrajn permessi mil-liġi.

Ra x-xhieda ta' Paul Gatt (582590M) prodott mis-soċjetà attriċi u ikkonferma li l-konvenut fadallu jħallas is-somma ta' disa' mija u tlieta u tletin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€933.31). Ix-xhud xehed li l-*home pack* huwa installat fl-indirizz 30, Triq Sir David Bruce, l-Imtarfa, iżda meta ġie mistoqsi jekk għadux installat hemm, huwa irrisponda li ma kienx jaf li kien ser jipprovdi din l-informazzjoni fis-seduta li jmiss.

Ra li fis-seduta segwenti, ċioe fl-14 ta' Novembru 2018, l-istess Paul Gatt kompla jixhed u stqarr li s-servizz kien ġie itterminat fit-2 ta' Frar 2016 u itterminatu s-soċjetà attriċi minħabba li ma kienx qiegħed jitħallas. Xehed ukoll li l-makkinarju ma kienx irritornat lis-soċjetà attriċi.

Ra n-nota ippreżentata minn Patrick Abela, il-konvenut, fejn esebixxa kopja legali tal-verbal datat 23 ta' Lulju 2018 skont liema, il-konvenut kien ħareġ mill-fond konjugali fejn kien installat is-servizz tas-soċjetà GO p.l.c. u daħlet fl-istess fond il-kjamata fil-kawża Helen Vassallo ġià Abela.

Ra x-xhieda ta' Helen Vassallo ġià Abela li ngħatat fit-28 ta' Jannar 2019 u d-dokumenti kollha ippreżentati, ċioe HV1 sa HV6.

Ra li Helen Vassallo, fil-fatt, xehdet li kienet baqgħet tħallas l-kontijiet kollha. Hi ppruvat taqta' dan is-servizz iżda s-soċjetà attriċi ma ħallithiex peress li l-kuntratt kien fuq isem ir-raġel tagħha. Qalet li l-kontijiet pendenti kien jirċevihom ir-raġel tagħha fl-indirizz ta' fejn kien mar joqgħod. Għalhekk, hi ma kinitx tirċievi dawn il-kontijiet. Qalet ukoll li sakemm kienet tirċievi l-kontijiet id-dar, dejjem ħallsithom hi. Fir-rigward tal-*modem*, dan baqa' għandha peress li kienu infurmawha li kellu jmur ir-raġel bih peress li kien fuq ismu. Qalet li hi lesta tirritornah. Qalet ukoll li mingħaliha li kollox kien *settled* sa meta isseparaw u li ma kinitx taf li kien hemm kontijiet arretrati. Kompliet tixhed illi meta mbagħad irċeviet ittra legali mill-avukat biex tħallas dawn l-arretrati, hija ma marritx għand avukat għax kellha problema mal-avukat tagħha. Ma setgħetx ukoll tidħol fi spejjeż żejda. Meta ġiet mistoqsija jekk kinitx qalet lir-raġel li kellu jaqilbu hu, irrispondiet li ma kinitx tkellem lill-*ex*-raġel tagħha.

**<u>Fatti</u>**

It-Tribunal ra l-kuntratt ta' GO p.l.c. isejjaħ lill-konvenut u ra li huwa minnu li skont il-kuntratt tas-separazzjoni datat 28 ta' Awwissu 2017 (dokument "A" anness mar-risposta) magħmul fl-atti tan-Nutar Robert Micallef bejn il-konvenut u l-kjamata in kawża, Helen Vassallo, b'referenza partikolari għal fol. 7 tal-istess kuntratt taħt it-titlu "*Immobbli*" fil-klawsola "iii" ġie stipulat li "*għal kull buon fini qiegħed jiġi ddikjarat illi l-komparenti mara ser tkun unikament responsabbli għall-ħlasijiet kollha tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u ta' kull servizz installat fl-istess fond, inkluż is-servizz tal-GO plc, illi mill-lum stess ser tkun jappartjeni lilha, u dan flimkien ma' kwalsiasi* ***arretrati tal-istess.***"

It-Tribunal ra li l-konvenut ma xehedx, u ġiet ippreżentata kopja legali ta' verbal li jindika li huwa kien infatti telaq mill-fond.

It-Tribunal ra li l-unika raġuni għalfejn il-kont għadu jgħajjat lill-konvenut huwa minħabba l-fatt li kien jirrikjedi li hu stess imur u jneħħih minn fuq ismu u dan m'għamlux.

Skont il-Qorti tal-Appell (kawża 2/1999/1 fl-ismijiet ***Maltacom p.l.c. vs. Albert Grech***), "*l-fatt illi l-kuntratt isejjaħ lill-konvenut Albert Grech li anke jekk hu veru ħareġ mid-dar fl-1992,* ***qatt ma ndenja ruħu li jinforma lill-Maltacom biex jgħaddi r-responsabilità taħt dak il-kuntratt għand ħaddieħor, jew jittermina l-kuntratt.*** *Il-fatt li seta' kien hemm xi ftehim bonarju bejnu u bejn martu fir-rigward ta' ħlasijiet ta' kontijiet, ma jaffettwax lis-soċjetà attriċi, li fir-rigward tibqa' terz li ma jistax jiġi preġudikat.*"

Din ir-responsabilità hija indikata wkoll f'deċiżjonijiet oħra bħal, per eżempju, ***Maltacom p.l.c. vs. Denis Borg*** (1517/1995GV [Prim' Awla] deċiża fil-31 ta' Jannar 2003), ***Maltacom p.l.c. vs. Rita Hatto*** (1718/1997GV [Prim' Awla] deċiża fil-30 ta' Mejju 2001) u ***Telemalta Corporation vs. Anne Micallef*** (2927/1997/1RCP [Prim' Awla] deċiża fil-13 ta' Jannar 2000).

Dan ġie wkoll sostnut fid-deċiżjoni ***Maltacom p.l.c. vs. Angelo Abela et*** (427/2005/1) [Qorti tal-Appell] deċiża fil-18 ta' Ottubru 2006) fejn il-Qorti tal-Appell stqarret li "*Il-Qorti hi sodisfatta mill-provi illi s-subscriber rikonoxxut li applika għall-linji tat-telephones kien l-appellanti Angelo Abela u mhux il-kumpanija. Dan hu saħansitra hekk rikonoxxut minnu (ara deposizzjoni tiegħu a fol. 30). Hu għal kollox immaterjali, li l-użu ta' wħud minnhom sar mill-kumpanija. Lanqas ma hi rilevanti x'arranġament kien hemm bejn l-istess appellanti u l-kumpanija. Ġjaladarba hu kien il-firmatarju tal-ftehim mas-soċjetà attriċi (ara dokumenti a fol. 22, 23 u 24 u x-xhieda ta' Paul Busuttil, fol. 35) ir-relazzjoni kontrattwali kienet bejnu u din is-socjetà u allura hu kien, u hekk baqa', responsabbli għall-kontijiet sal-mument meta s-servizz ġie terminat.*"

**<u>Il-kjamata fil-kawża – l-istitut tal-kjamat fil-kawża</u>**

Il-Qorti tal-Appell (Superjuri), fil-kawża ***Bank of Valletta p.l.c. vs. Anna Calleja et*** (Appell 19/2007/2 deċiż fit-8 ta' Jannar 2010) qalet li l-istitut tal-kjamat fil-kawża "*tista' sservi anke b'mod aktar ġenerali għal dik li komunament tissejjaħ "l-ekonomija tal-ġudizzju.""*

L-istitut tal-kjamat fil-kawża dejjem ġie applikat meta jirriżulta nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju b'mod li jekk terza persuna ma tissejjaħx fil-proċeduri, is-sentenza finali tkun monka billi mhux il-partijiet kollha interessati jkunu milquta b'tali pronunzjament ġudizzjarju.

Mill-ġurisprudenza, jirriżulta li l-istitut tal-kjamat fil-kawża ġie utilizzat *ai termini* tal-Art. 961 tal-Kap. 12:

1. In linea tradizjonali sabiex ikun hemm integrità tal-ġudizzju b'mod li l-preżenza tal-persuna tkun indispensabbli għal ri-integrazzjoni u kompletazzjoni tal-proċeduri;

2. Illi kien hemm diversi kawżi fejn ġiet ordnata l-kjamata fil-kawża anki jekk il-ġudizzju kien integru "*u dan sabiex jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni ġudizzjarja u li aktarx jġib warajha azzjoni oħra bħala konsegwenza tagħha.*" (***Joseph Rodo pro et noe vs. Carmel Muscat et*** [Appell Ċivili deċiż fil-15 ta' Novembru 1991]).

Illi fil-fatt li l-istitut tal-kjamat fil-kawża ġie użat sabiex:

1. Jiġu evitati multipliċità ta' kawżi u ġudizzji (ara ***Alfred Zammit Cutajar vs. Joseph Formosa*** [Appell Ċivili deċiż fis-26 ta' Ġunju 1961]);

2. Sabiex tiġi evitata possibilità ta' ġudizzju konfliġġenti (ara ***AJC Barbaro vs. Carmelo Mallia*** [Appell Ċivili deċiż fit-22 ta' Ottubru 1956]);

3. Sabiex l-interess tal-kjamat fil-kawża versu terza persuna jiġi protett tant li jingħad li "*fil-ħsieb ta' din l-Onorabbli Qorti, huwa interess biss tat-terz possessur li d-debitur ikun fil-kawża*

*ipotekarja ħalli ma jkunx jista' jgħid aktar tard li l-istess terz possessur abbanduna l-fond leġġerment*" (***Joseph Calleja vs. Av. Joseph Micallef et noe*** [Prim' Awla, 11 ta' Marzu 1952]);

4. Ikun fl-interess ta' terza persuna tal-attur sabiex il-ġudizzju jiġi osservat sew (ara ***Anthony Cini vs. Joseph Demanuele*** [Appell Ċivili deċiż fit-8 ta' Frar 1946]).

Fil-fatt, minħabba ekonomija tal-ġudizzju, il-Qorti tista' wkoll tordna il-kjamat fil-kawża *ex officio* (ara ***Dr. Buttigieg vs. Scicendi Attard*** [Appell Ċivili deċiż fit-22 ta' Mejju 1916]).

Għalhekk, dan l-istitut huwa maħluq għall-ispeditezza u konformità fil-ġudizzju.

Dan it-Tribunal iħoss li l-preżenza tal-kjamat fil-kawża f'dan il-każ kien meħtieġ mhux biss sabiex jiġu evitati multipliċità ta' kawżi billi fir-risposta stess ġiet indikata it-terza persuna, Helen Vassallo, li għandha tkun responsabbli li tħallas is-somma mitluba b'referenza għall-kuntratt ta' separazzjoni u klawsola ben ċara, bejnha u l-konvenut, iżda minħabba l-fatt illi kienu għadhom miżżewweġin *in tempo* li kien jeżisti dan d-dejn, peress illi l-kuntratt ta' seperazzjoni ġie ffirmat fil-25 ta' Awissu 2017, wara illi ħarġu l-kontijiet.

It-Tribunal ra ukoll illi fl-istess ħin li l-konvenut naqas milli jinfurma lis-socjeta attrici kif ukoll jiffirma t-*transfer form* mal-kuntratt tas-separazzjoni..

It-Tribunal jaqbel għalhekk li din is-somma kienet dovuta wkoll waqt iż-żwieġ u kien hemm il-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti li imbagħad ġiet mħollija fis-seperazzjoni fis-sena 2017, nonostante l-fatt li l-kuntratt jistipula min huwa responsabbli għall-arretrati, li jirrefletti ftehim bejn il-mara u r–raġel , hawn l-konvenut u l-kjamat in kawża.

**Għalhekk, jinħolqu żewġ xenarji:**

i. Li l-konvenut huwa responsabbli peress li huwa iffirma l-kuntratt tas-servizz; u qatt ma ndenja ruhhu jaghmel transfer jew jinforma s-socjeta attrici.
ii. Li l-kjamata fil-kawża hija wkoll responsabbli peress li kienu għadhom miżżewġin meta dan l-ammont kien dovut (stante l-komunjoni tal-akkwisti).

Fil-fehma tat-Tribunal, fl-aħħar mill-aħħar, jekk kellhom jittieħdu proċeduri ulterjuri, hija Helen Vassallo li ultimament ser ikollha tħallas l-arretrati kif anki ammettiet hija stess meta xehdet li ħallset ġià l-arretrati u dawn ma kinitx taf bihom, *che si da d'intendere* li kieku kienet taf bihom kienet tħallashom (*confessio facta in iudicio omni probatione maior est*) kif ukoll ammettiet li għad għandha l-kaxxa tas-servizz li trid tagħti lura iżda m'għamlitx dan qabel għax is-soċjetà attriċi infurmatha li kellu jmur is-*subscriber*, ċioe l-konvenut.

F'din il-kawża, għalhekk, it-Tribunal jikkonsidra l-kważi ammissjoni ta' Helen Vassallo li taf li kellha tħallas l-arretrati u ma ħallsithomx għax l-kontijiet kienu jaslu f'indirizz ieħor, oltre li jidher li hemm mankanza kbira ta' komunikazzjoni bejnha u l-konvenut.

Oltre iżda *più di tanto* dan il-fatt, l-ammont kien dovut meta kienu għadhom miżżewġin u l-kuntratt ta' separazzjoni datat 25 ta' Awwissu 2017 jindika li kienu miżżewġin u kellhom il-komunjoni tal-akkwisti. Huwa għalhekk irrelevanti min kien jgħix fil-fond relattiv. **Bla dubju** huwa debitu li jinkombi fuq il-komunjoni tal-akkwisti.

Jerġa' jiġi ritenut li l-kuntratt isejjaħ lill-konvenut Patrick Abela li qatt ma ndenja ruħu jinnotifika lis-soċjetà attriċi u jagħmel it-trasferimenti neċessarji sabiex ineħħi r-responsabilità kollha minn fuqu.

**Is-separazzjoni hija kwistjoni bejn il-konvenut u l-kjamat fil-kawża li kellhom żmien biżżejjed sabiex jirregolaw dan kollu kif ukoll il-pożizzjoni tagħhom f'dan ir-rigward. Il-pożizzjoni tas-soċjetà attriċi ma tista' tiġi ippreġudikata la biż-żmien u lanqas minħabba piki bejn il-konjuġi, aktar u aktar meta hemm kuntratt jgħajjat lil persuna li qatt ma ndenja ruħu jagħmel xejn u persuna oħra li taf li kellha tħallas, kif irriżulta mill-provi.**

__Deċide__

It-Tribunal, wara li sema' l-provi, ra d-dokumenti u n-noti ippreżentati u l-ġurisprudenza relattiva, u għar-raġunijiet kollha hawn fuq indikati, jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi billi jikkundanna lill-konvenut Patrick Abela kif ukoll lill-kjamata fil-kawża Helen Vassallo solidalment bejniethom għall-ħlas ta' disa' mija u tlieta u tletin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€933.31) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 10072270 kif ukoll għall-ħlas tal-ispejjeż u drittijiet inklużi l-ispejjeż in konnessjoni mal-ittra uffiċjali 519/17 u l-imgħax legali mil-10 ta' Marzu 2017, id-data tan-notifika tal-istess ittra uffiċjali sad-data ta' pagament effettiv.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**